**TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR**

**CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL**

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Giovanni Gusman

Vs

Abdel Rahim Mohammed

CCT 182/21/MM

Illum, 6 ta' Settembru 2022

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat nhar it-22 ta' Ottubru 2021 fejn talab is-somma ta' elfejn u tmien mija u tnejn u tletin Ewro (€ 2,832.00), rappreżentanti prezz tax-xogħol li r-rikorrenti ħallas sabiex il-konvenut jagħmillu l-faċċatta tal-proprjeta' tiegħu.

Ra r-risposta tal-intimat li wieġeb illi ''Aħjar jiġi perit fuq il-post fejn sar ix-xogħol u jiddeċiedi li parti mix-xogħol hekk hux tajjeb.''

Ra l-atti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi rriżulta mill-provi li r-rikorrenti kien inkariga lill-intimat sabiex jagħmillu xoghlijiet fuq il-faċċata tiegħu u dan għat-total ta' Euro 2,400 EXC VAT. Illi r-rikorrenti jisħaq li x-xogħol sar ħażin u dan kif elenkat kemm minnu u kemm mir-rapport tal-Perit tiegħu, Perit Ennio Ellul u b'hekk, skonthom, il-faċċata teħtieġ li ssir mill-ġdid.

Illi l-intimat ikkontesta t-talba billi ddikjara li aħjar jitqabbad perit.

Ikkunsidra

Illi dan it-Tribunal ma tantx hu konvint mid-difiża li ppreżenta l-intimat u mhux biss ma saritx talba formali sabiex jitqabbad perit imma lanqas ma tinħass il-ħtieġa għal dan.

It-Tribunal anki jsib konfort meta jħares lejn it-tentattivi inutili li r-rikorrenti għamel mal-intimat sabiex din il-kwistjoni tissolva bonarjament. Dawn it-tentattivi waqgħu fuq widnejn torox, b'hekk ikomplu jixħtu dawl fuq in-nuqqas ta' interess tal-intimat

Illi di piu, dan it-Tribunal ma jħossx li għandu jiddubita r-ritratti ppreżentati mir-rikorrenti u lanqas ir-rapport peritali li jsostni li ż-żebgħa applikata mill-intimat ma saritx sew.

Għalhekk, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqgħa t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna lill-intimat iħallas is-somma ta' elfejn u tmien mija u tnejn u tletin Ewro (€ 2,832.00).

Bl-ispejjeż kontra l-intimat.

Martha Mifsud LL.D.

Arbitru